# IL-MUSEUM TAS-SUBIEN F'ĦAL LIJA 1952-2002

# 50 SENA TA' ĦIDMA U ĠID

*Minn Alfred Camilleri*



Is-sena 2001 żgur li tibqa' mfakkra b'paġna tad-deheb fl-istorja tal-Knisja f'Malta, għaliex fiha seħħet ġrajja tassew importanti. F'Mejju tas-sena l-oħra ġie jżurna il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II u fuq il-Fosos tal-Furjana waqt quddiesa speċjali li għaliha attendew eluf ta' nsara Maltin, huwa ddikkjara lil Dun Ġorġ Preca, fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija [Museum] bħala Beatu flimkien ma' Nazju Falzon u Adeodata Maria Pisani.

Fl-1907, Dun Ġorġ Preca ta bidu għas-Soċjetà tal-Museum, u fi ftit snin, din is-Soċjetà bdiet tinxtered ma' Malta kollha u llum tinsab ukoll barra mix-xtut tal-gżira tagħna.

Din is-sena, is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija qiegħda tiċċelebra l-50 sena mill-ftuħ mill-ġdid tal-MUSEUM tas-Subien ġewwa Ħal Lija. Qed insemmu

Il-Knisja minn dejjem kellha għal qalbha is-Soċjetà tal-Museum u x-xogħol fejjiedi li kienet qed twettaq. Kien għalhekk li bit-tħabrik tal-Kappillan Lia u tal-Kappillan Dun Innoċenz Borg l-art li fuqha nbena l-Mużew ġiet mogħtija b'ċens perpetwu lis-Soċjetà.

Minħabba li dan l-aħħar ħmistax-il sena Ħal Lija kiber ġmielu u n-numru tat-tfal kompla jiżdied, inħass il-bżonn li tinbena sala/kappella ikbar fis-sular ta' fuq. Din inbniet dan l-aħħar snin u llum, għal grazzja t'Alla, għandna sala kbira biżżejjed sabiex tilqa' lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom għal-laqgħat li jsiru b'mod regolari.

Għalkemm ħafna mix-xogħol huwa lest, baqa' ħafna aktar xi jsir sabiex din id-dar tad-Duttrina Nisranija tkompli tiġi mgħammra aħjar għall-bżonnijiet moderni ta' l-edukazzjoni fil-Fidi Nisranija. Huma bosta dawk il-benefatturi li qiegħdin jgħinuna kemm finanzjarjament kif ukoll billi jiġu jtuna daqqa t'id fix-xogħol tat-tibjid, twaħħil ta' madum u bżonnijiet oħra li minn żmien għal żmien dejjem jinqalgħu. Alla huwa Sinjur kbir, u jħallas sew lil kull min jaħdem għalih.

Għall-grazzja t'Alla, il-Museum f'Ħal Lija huwa ħaj; it-tfal u ż-żgħażagħ jiġu bi ħgarhom għax jafu li hemm min jilqagħhom bit-tbissima; il-ġenituri jikkoperaw magħna u moħħhom mistrieħ li uliedhom qegħdin f'ambjent ħieles mill-perikli tar-ruħ u tal-ġisem: it-tagħlim huwa wieħed attwali u msaħħah b'mezzi awdjo-viżivi... u fejn jilagħbu għandhom żgur!

Għalhekk, huwa ferm xieraq li f'dan il-ħamsin anniversarju mill-ftuħ mill-ġdid tal-Museum f'Ħal Lija, infaħħru u nirringrazzjaw 'l Alla għall-ġid li qed iwettaq permezz tas-Soċjetà tal-Museum, nirringrazzjaw u nitolbu għall-benefatturi kollha ħajjin u mejtin u għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jgħinuna f'din il-missjoni qalb il-poplu ta' Ħal Lija. Fl-istess waqt inkomplu nħeġġu lin-nies ta' Ħal Lija, speċjalment lill-Ġenituri, sabiex jibqgħu jibagħtu lil uliedhom il-Museum anke wara l-Griżma, sabiex taħt il-ħarsien ta' Ġesù Kristu Salvatur u Ommu Marija Santissima, jkomplu jirċievu formazzjoni Nisranija li hi tant meħtieġa għal ħajjithom fid-dinja ta' llum.

***Il-Paċi magħkom***

